MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008

Numru. 383/2008

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Maria Grazia Cucciardi, bint Edward Farrugia, imwielda il-Ħamrun fil-25 ta’ Jannar, 1963

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli fit-28 ta’ April, 2008 għal habta tan-nofs siegha ta’ wara nofs inhar, ġewwa l-għassa tal-pulizija tal-Ħamrun –

1. attakat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kkontra persuna nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe’ ta’ WPC231 Maria Cutajar, filwaqt li kienet qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita’ kompetenti;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi hedded jew għamlet offiża fuq il-persuna ta’ WPC231 Maria Cutajar, persuna nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li għamlet dan is-servizz jew bil-ħsieb li tbezzagħha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kkawzat offiża ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ WPC231 Maria Cutajar u dan skond ma ċċertifika Dr. Andrew Zammit MD, miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi bil-ħsieb li ttellef jew tnaqqas il-ġieh ta’ WPC231 Maria Cutajar weġġatha, b’ġesti b’kitba, b’disinji, bi kliem mhux imfisser ċar jew b’ċanfir mhux speċifikat inkella bi kliem jew għemil li jkun biss mhux xieraq jew b’xi mod ieħor;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi għamlet lill-WPC231 Maria Cutajar inġurja jew thedid mhux imsemmija band’oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk ipprovokata, inġurja b’mod li joħroġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi qalet kliem fil-pubbliku li kien kliem oxen jew indeċenti, jew għamlet ġesti oxxeni, jew b’mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali, offendiet il-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;
7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ma obdiex l-ordni leġittimi tal-pulizija;
8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi pejpet tabakk f’post pubbliku u f’post fejn it-tipjip huwa pprojbit u cioe’ ġewwa l-għassa tal-Ħamrun.

Il-Qorti ġiet mitluba biex f’każ ta’ ħtija tipprovdi għas-sigurta’ ta’ WPC231 Maria Cutajar skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2008 fejn l-imputata skuzat ruħha ma WPC231 Maria Cutajar dwar l-inċident li min-naħa tagħha rrinunzja għall-azzjoni kriminali sa fejn hu rinunzjabbli.

Rat il-verbal tas-seduta tas27 ta' Ottubru, 2008 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikoli 95(1), 96, 221(1), 252 u 338(bb)(ee) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 18(2) tal-Kapitolu 315 tal-Liġijiet ta' Malta.  Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.  Minbarra dan, tikkundannaha għal ħlas ta' multa ta' €230.  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------